Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

# MINUTI
# Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida
# IS-SEBAT LEĠISLATURA
# Laqgħa Numru 76
# It-Tnejn 4 ta' Gunju 2018

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fis-5.45 p.m.

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai – Sindku

Charles Selvaġġi – Kunsillier

Matthew Agius – Kunsillier <Dahal 7:35>

Romina Galea – Kunsillier <Harget 8:05 pm>

Maurice Agius – Kunsillier

Lino Bartolo - Kunsillier

Alan Abela Wadge – Kunsillier

## ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr.Alex Sciberras – Viċi Sindku

Emanuel Brincat – Kunsillier

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

76.1.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Alex Sciberras li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta' xoghol.

76.1.02 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella qara l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Emanuel Brincat li talab li jkun skużat minħabba impenji ohra.

76.1.03 Il-kunsilliera prezenti aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

### 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

76.2.01 Il-minuti ta' Seduta L7-75 ttieħdu bħala moqrija u saret korrezzjoni fil-minuti 75.3.21.
Il-minuti ġew approvati unanimament.

76.2.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai gharrfet lill-kunsilliera prezenti li waslet l-accountant u talbet ghas-sospensjoni tal-Agenda biex jigi diskuss item 76.6.01 Quarter Financial report January-March 2018.
Is-Sur Charles Selvaggi ssekonda u l-kunsilliera prezenti approvaw unanimament.

### 76.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti finanzjarji.

76.6.01 Is-Sinjura Romina Perrici Ferrante pprezentat u rrispondiet fid-dettal ghal xi mistoqsijiet tal-kunsilliera prezenti il-Quarter Financial report January-March 2018 < 76.6.01 > fejn spjegat li f'dan il-perjodu il-kunsill ghamel surplus ta' 28%. Hawn kompliet tispjega li l-kunsill ghadu jara li dawn il-fondi jintefqu fuq xogholijiet u progetti li jista jiddeciedi li jaghmel il-Kunsill sakemm dan izomm mal-10 % kif mitlub mir-regolamenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella kompla jispjega lill-kunsilliera prezenti li ghandu jiltaqa mal-accountant aktar tard matul ix-xahar ta' Gunju biex jiddiskuti u janalizzaw aktar fil-fond il-varjazzjonijiet fid-dhul u hrug u jaraw fejn jista jsir xi tibdil fiz-zieda ghall-infieq biex jigi propost lill-Kunsill ghall- approvazzjoni.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u approvaw ir-rapport unanimament

### 76.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;

76.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda avviz < 76.3.01 > ta' sejha ta' tahrig ghall-impjegati fis-suggett Accounting and Sage Line 50 computerised accounts ghall-Kunsilli Lokali u spjegat dwar kif se jinqassmu l-fondi ghal dan it-tahrig ghall-impjegati bejn id-DLG, ANSEK u l-Kunsill Lokali li se jippartecipa.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella spjega li dan il-kors huwa neccessarju li jinghata lill-impjegati ghax huwa fil-linja tas-sistema l-gdida ta' accounts li se tigi wzata mill-Kunsill fix-xhur li gejjin.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u qablu unanimament li l-impjegati jaghmlu l-kors.

76.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba < 76.3.02 > mill-Ghaqda u l-Barman Melita Banda San Guzepp ghall-permess biex ssir Majjalata fil-Gnien Misrah San Guzepp is-Sibt 7 ta' Lulju.

Mizjuda: < fil-gnien >

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba u wara numru ta' kunsidrazzjonijiet fosthom it-tisjir fuq naha u l-giri bil-platti ghan-naha l-ohra mhux fattibbli u m'approvawx unanimament li ssir din l-attivita'< fil-gnien >.

76.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba < 76.3.03 > mill-kummissjoni zghazagh u Kummissjoni armar fi hdan l -Ghaqda Melita Banda San Guzepp ghall-permess biex issir BBQ fil-Gnien ta' wara l-Misrah San Guzepp is-Sibt 14 ta' Lulju.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba u wara numru ta' kunsidrazzjonijiet approvaw unanimament.

76.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba < 76.3.04 > mill-kumpanija Besedo biex taghmel skip fi Triq C. De Brockdorff FXB building.

Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew it-talba u bhal talbiet simili minn kumpaniji ohra fil-binja m'approvawx unanimament.

76.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba < 76.3.05 >mill-Malta Clean up li jigu kkunsidrati li ma jinghatawx permessi ghall-attivitajiet fejn jinvolvu kwantitajiet ta' bziezaq li jintelqu fl-ajru.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u gie kkunsidrat li ma tantx ikun hemm talbiet ta' permessi ghal dawn it-tip t'attivita' izda fil-principju jaqblu li dawn ma jinghatawx jekk ikun hemm talba simili.

76.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Cirkulari Akl 2018/056 < 76.3.06 > Invitation to participate in a transitional initiative on the EU u talbet lill-kunsilliera prezenti biex javzaw jekk ikunu interessati jippartecipaw.

76.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda Informazzjoni / suggeriment < 76.3.07 > mis-Sur Joe Pisani kif mehuda minn fuq artiklu li hareg fit-18 ta' Mejju, 2018 minn Keith Micallef fuq it-Times of Malta dwar il-Bye law tal-hamiem u talba biex fil-Bye Law tal-Imsida li mhux tahdem jistghu jigu introdotti mizuri simili.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u s-suggett gie pospost ghal meta jinhargu linji gwida dwar kif ghandha tigi ttrattata l- problema tal-hamiem biss ghandu isir parti mis-suggett ta' kif ghandha tassisti l-pulizija ghall-infurzar fuq min jitma l-hamiem, meta ssir il-laqgha mal-Assistent Kummissarju.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsiliera prezenti li hemm ordni ghal tabelli godda biex jitwahhlu f'dawk iz-zoni fejn hemm problema.

76.3.08 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda talba < 76.3.08 > ghal No Objection Loading / Un Loading go Misrah il-Barrieri.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsiliera prezenti li milli jidher fuq korrespondenza li waslet aktar kmieni fil-gurnata, qieghed fid-dubju u hemm bzonn tigi ccarata jekk din hija applikazzjoni ohra jew ga giet approvata minn Transport Malta fejn anke qed jitolbu biex isiru s-sinjali. Hawn pogga fuq il-mejda kopja ta' emails bejn id- 29 ta' Mejju u l-4 ta' Gunju fejn il-Kunsill talab biex ikun jaf f'liema parti ta' Misrah il-Barrieri din giet mitluba qabel ma jaghmel no-objection.
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew u ma jaqblux ma' dan it-tip ta' approvazjoni u biex din tkun ccarata. Jekk Transport Malta tapprova dawn it-talbiet ghandha tkun l-istess awtorita' li tkun responsabbli ghas-sinjali u tabelli godda u mhux il-kunsill.

76.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

76.4.01 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Skema ta' tagħlim u Proġetti Edukattivi fil-Kommunità'. Il-Kunsill Lokali tefa' żewġ proposti li jinkludu Tagħlim fuq suġġetti moderni u teknoloġiċi li jsostnu l-iżvilupp tat-tfal fl-iskejjel u Tagħlim għal persuni vulnerabbli, speċjalment żgħażagħ u rġiel u nisa.

76.4.02 Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar l-istaff progression ta' Marisa Xerri Demanuele.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li wara li tkixxef u gie nfurmat li l-impjegata spiccat minn mal-Education u regghet qeghda seconded Mount Carmel. Baghat il-korrespondenza relatata lill-HR ta' Mount Carmel u talabha biex taghti l-feedback taghha.

76.4.03 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar is- sejħa għall-Clerk Scale 15 back to Back u li intbaghtet l-applikazzjoni lill JobsPlus biex imexxu.

Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk jistax japplika min irid ghall-post.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li l-JobsPlus baghtu l-lista ta' min jista japplika skond il-kriterji mitluba..

76.4.04 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk il-kunsill hux se joqghod fuq risposta mill-KAS dwar il-progett tal-parkegg fi Triq Balliju Guttenberg Is-Swatar.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li skond il-minuta 75.3.09 din ghandha terga tigi diskussa f'seduta 'il quddiem, biex jigi deciz x'jista' isir.

76.4.05 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar Każ Nru.331 Data Collection-Sinjali u tabelli tat-Traffiku u li l-informazzjoni mitluba intbaghtet.

76.4.06 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-Housing Scheme 2-2018 u li daħlu tlett nominazzjonijiet għall-Amministratur tal-Blokka.

76.4.07 Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai tkellmet fuq l-Infurzar fuq abbużi minn rimi tal-iskart u kif spjegat fil-lista saru 6 rondi u ngħataw 17 il-ċitazzjoni fit- Toroq, li huma, Il-Punent , H.Calleja Schembri, Antonio Sciortino, Tal-Qroqq , Il-Hriereb , Dun Karm, Tabib Robert Naudi , Gioacchino Navarro ,San Alwigi, Hriereb , Msida Circus, fejn kien hemm numru ta' Maltin u anke barranin li wehluha.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li kien ircieva xi telefonati u llmenti minn residenti izda dawn jekk inqabdu fil-fatt, meta mhux suppost jinhareg skart, ma jistax jghid li dawn wehlu multa ghalxejn ghax jafu li kienu qed jiksru l-ligi.

Is-Sur Maurice Agius qal li go Triq Censu Farrugia issa qed johorgu l-iskart mhux fejn hemm il-kamera izda aktar 'l isfel u wara l-hin.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li fejn is-soltu ma dahlux llmenti minn kemm ilha li saret il-kamera u ha nota .

76.4.08 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar RC/T01/2018-Servizz ta' Espert Estern għat- taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-fondi tal-UE għal proġetti tal-Kunsilli Lokali li saret laqgħa mar-rappreżentanti tal-kumpanija fejn attendew is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai u s-Segretarju Eżekuttiv fejn ġie diskuss u ngħatat idea fejn jista' jibbenefika il-Kunsill meta joħorġu fondi mill-UE u kif jista' isib għajnuna biex japplika.

76.4.09 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il- permessi u kundizzjonijiet mghoddija u diskussi mar-rapprezentanti tal - Imsida Boċċi Club – Kundizzjonijiet
• Irid jithallas depożitu ta' €500. < Fejn il-kumitat talbu biex din tkun inqas >

• Wara kull attività' l-iskart kollu jrid jittneha. < Fejn il-kumitat accetta >
• Il-post irid jibqa' dejjem nadif < Fejn il-kumitat accetta >
• Il-bankijiet ma jistgħux jiġu maqlugħa għall-ebda raġuni < Fejn il-kumitat accetta >

• Iridu jiżdiedu aktar bins minn naħa tal-Klabb u l-bins li hemm ma jridux jittnehew jew jiċċaqalqu < Fejn il-kumitat accetta >
• L-Armar ta' mwejjed u siġġijiet ma jridx isir minn qabel u l-imwejjed iridu jiġu żarmati eżatt fil-hin meta tintemm l-attività' < Fejn il-kumitat talbu biex dawn jibqghu armati sakemm l-ghada jerga' ikun hemm Tombla ohra u zarmati meta l-ghada ma jkunx hemm >
• L-attività' trid tintemm fil-11pm < Fejn il-kumitat accetta >
• Permessi jinħargu kull ġimgha < Fejn il-kumitat accetta >
• Il-Kumitat irid japplika kemm għall-permess ta' attività' kif ukoll ta' mwejjed u siġġijiet < Fejn il-kumitat staqsa dwar it-tombla u accetta meta tkun attivita' ohra bhall-BBQ jew ikla u entertainment >
Il-Kunsilliera prezenti ddiskutew it-talbiet tal-kumitat u qablu unanimament li l-500 Ewro depozitu bhala garanzija tibqa kif deciz fis-seduta precedenti filwaqt li l-imwejjed u siggijiet jistghu jintramaw fil-gurnata tal permess ta' tombla u jibqghu armati sakemm l-ghada ikun hemm permess iehor ghal tombla jew attivita' ohra, biss dawn iridu jigu mnehhija ma' tmiem il-permess meta l-ghada ma jkun hemm xejn. Attivita' ta' tombla ma jinkludix mwejjed u siggijiet filwaqt li jekk attivita' tinkludi ikliet jew entertainment fost ohrajn kantanti , big screen , DJ jew it-tnejn, ikel u entertainment, dawn rridu japplikaw ghal zewg permessi ta' attivita' u siggijiet u mwejjed. Suggett ghal kull kundizzjoni li tista' tohrog il-pulizija.

76.4.10 Is-Sur Maurice Agius staqsa u s-Segretarju Ezekuttiv gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-kulvert ta' Triq il-Baċir li reġgħet intbaghtet email lill-perit Vassallo u kkonferma li x-xogħol approvat u talab lill-perit inkarigat, Rodney Micallef, biex jgħarraf lill-Kunsill f'hiex wasal biex isir dan ix-xogħol.

Is-Sur Lino Bartolo qal li ahjar jaqilghu kollox u jaghmlu kulvert sura fejn il-Bus stop go Xatt l-Imsida ma' Triq Qrejten il-Pieta', ghax xorta qed izomm hafna ilma filwaqt li fi Triq il-Wied ma' Triq Sta Venera, ghad hemm l-istess problema u qed ibati l-hanut tal-Ghamara.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar problema ta' drenagg go triq Xatt ta' Xbiex fejn l-iskall.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai wiegbet li l-WSC kienu kkonfermaw li se jaghmlu x-xoghol, izda ma tafx meta dan se jsehh.

76.4.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar CCTV coverage tal-bandli Tas-Swatar u li saru t-tiswijiet neċċessarji fl-apparat u ġie ikkuntattjat technician ieħor biex jiġi jinstalla l-apparat fil-post.

76.4.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar speed camera fi Triq il-Kunċizzjoni li intbaghtet reminder u għada ma ġietx risposta.

76.4.13 Is-Sur Maurice Agius rega' staqsa jekk il-WSC wiegbux jew nehhiex il-katusi fi Triq is-Sisla.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li s'issa le u baghat reminder ftit ilu.

Is-Sur Lino Bartolo qal li ghandna nerghu nibaghtu u nikkupjaw lill-ministru forsi jiccaqilqu.

76.4.14 Is-Sur Charles Selvaggi rega' staqsa jekk hadniex xi risposta mill-pulizija dwar il-gatherings go Triq Gemma Portelli.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li s'issa kull mhux infurmat bi zvilluppi ohra filwaqt li dan il-Kunsill jista' jitkellem fuqha meta jiltaqgha mal-Ispettur fis-26 ta'Gunju.

76.4.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar żebgħa ta' żebra crossings ta' Triq Rue D'Argens Intbaghtet talba għal parir u permess biex isir ix-xogħol fuq dawn u tax-Xatt ta' Xbiex, minħabba li t-toroq huma traffikużi u Transport Malta avvżat li dan ix-xogħol se jaghmluh huma.

76.4.16 Is-Sur Maurice Agius rega' staqsa jekk ingabrux l-istimi biex tinghalaq id-dawra tal-Bandli tas-Swatar minhabba l-hmieg tal-klieb.
Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li miftiehem l-ghada mas-Sur Lino Bartolo biex jiehdu il-qisien halli inkunu nistghu nitolbu l-istimi.
Is-Sur Lino Bartolo gharraf lill-Kunsilliera prezenti li bhalissa fiz-zona tas-Swatar qed ssir clean up ta' zbir ta' sigar

76.4.17 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar KLMsd TDR 1-2018 for the professional services of an Architect for the L-Imsida Local Council li għad irridu jiġu maħtura n-nies li se jaghmlu parti mill-Bord tal-evalwazzjoni.

76.4.18 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar KLMsd TDR 2-2018 for the installation of a perimeter fence and gate at the L-Imsida playing field. Il-Kunsillirid jiddeciedi jekk terġax toħroġ is-sejħa kif inhi jew b'xi tibdil.

76.4.19 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar il-proġett biex ir-reception area tiġi magħluqa għas-sigurtà' tal-impjegati intalbet stima mingħand kumpanija oħra li ġiet ftit orhos u li ser jipprezenta talba ghax-xoghol aktar 'il quddiem.

76.4.20 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk gietx risposta minghand Transport Malta dwar il-parkegg ta' Rue D'Argens jew konkluzjoni ghall-istudju li ghamlu biex waslu ghal decizjoni. Hawn talab biex b'insistenza nitolbu ghall-istudju ta' qabel id-decizjoni u ghall-istudju ta' waqt iz-zmien ta' prova u decizjoni tkun kif tkun ta' kif se tibqa it-triq. Hawn talab biex din tintbaghat li-Traffic Management Committee u kkupjat il-Ministru ghat-Trasport , Is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali u kif din tintbghat u anke jekk tasal risposta, din tintbghat lill-kunsilliera mal-ewwell u ma nistennewx laqgha ohra tal-Kunsill. Is-Sur Charles Selvaggi talab ukoll biex inkellmu lill- avvukat u nstaqsuh dwar KAP:12 clause 4689.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li ha nota u minhabba se jkun nieqes ghal xi granet se jara jew javza li din tintbghat irregistrata jew b'aknowledgement u kopja taghha tigi mghoddija lill-kunsilliera.

76.4.21 Is-Sur Lino Bartolo gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar xi laqghat li saru flimkien mas-Sindku biex isiru numru ta' attivitajiet zghar bejn l-ahhar gimgha ta' Gunju u Settembru mmirati biex joffru atmosfera f'Misrah San Guzepp ghas-sajf , fadal biss xi dettalji biex jigi finalizzat il programm.

76.4.22 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar it- Tender KLMsd 2/2017 Collection of mixed household waste from the locality of Msida and parts of Swatar in an enviormentaly friendly method saret laqgha il-Ħamis 17 ta'Mejju mal-kuntrattur li aċċetta it-tender Premiere Cleaning Ltd u saru kjarifiki bi preparazzjoni għal meta jibda u ġiet iffissata il-Ġurnata ta' Tnejn 4 ta' Ġunju iżda il-Ġimghat 25 ta' Mejju, d-direttur tal- kumpanija is-Sur A. Muscat għarraf lill-Kunsill li minħabba raġunijiet li ma kellux kontroll fuqhom se jirtira milli jieħu il-kuntratt. SRF & Vella Adrains ġew avvicinati u offruti l-kuntratt bħala l-kumpanija li għanda it-tielet l-aħjar offerta li tikkwalifika.

Is-Sur Maurice Agius gharraf lill-kunsilliera prezenti li flimkien mas-segretarju Ezekuttiv kellu laqgha mal-kuntrattur fejn gew diskussi t-tindif regolari tal-bins u dawk id-dettalji kollha msemmija fit-tender u rotot li ghalissa se jibqghu kif huma u wara tigi mfassla rotta skond il-hinijiet approvati mill-Kunsill. Filwaqt li t-trakkijiet ghandhom ikunu biss bl-arma tal-Imsida u l-haddiema ghandhom josservaw dak kollu mitlub mill-Kunsill hawn kompla jghid li aktar 'il quddiem bi ftehim mal-kuntrattur ser isir laqgha mal-kolletturi biex jigi spjegat dak li huwa mistenni minnhom.
Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar il-bins fil-weekend li dawn ikunu mimlijin minhabba li l-Hadd m'hemmx is-servizz.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li hemm bzonn jiltaqa l-Evaluation Committee biex jigi deciz it-tender tal-knis fejn hemm hafna nuqqasijiet u li hemm bzonn jigu indirizzati.
Is-Sur Matthew Agius staqsa jekk l-Evaluation Committee ghadux fis-sehh.

Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella wiegeb li dan ghandu jitkompla mill-istess kumitat waqt li hemm bzonn jinhatru l-membri godda biex jibdew it-Tenders il-godda. Hawn fakkar li kif il-kunsill japprova il-Latrina l-gdida din tmur ghand il-PA u fl-istess hin iridu johorgu zewgt tenders godda, wiehed biex din tinbena u jkun hemm l-ammont biex napplikaw ghal fondi UIF u iehor ghall-kuntrattur biex jiehu hsieb it-tmexxija taghha.

76.4.23 Is-Segretarju Ezekuttiv Alan Vella gharraf lill-kunsilliera prezenti dwar żewġ Loading / Unloading bays li qed jiġu abbuzati fi Triq il-Knisja ma' Antonio Bosio u Triq il-Knisja ma' Triq Mons Dandria. Saret il-Works order biex dawn jittnehew. Fl-istess hin intbaghtet email lit-Transport Malta biex ikun accertati li dawn huma minghajr permess fejn dawn baghtu l-informazzjoni mitluba. Go Triq il-Knisja hemm permess ghal loading / Unloading bay, wahda komuni f'numru 81c tal-Green Grocer.

76.4.24 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk hux sejrin kunsilliera ohra ghall-protesta organizzata mis-Sindku tal-Gzira b'solidarjeta' kontra abbuzi u agir irresponsabbli ta' certu kuntratturi tal-kostruzjoni.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-istedina qeghda lil kulhadd, biss ma jafx min ser jattendi.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li ghada kif giet minn barra u ma tafx f'hiex hi biss jekk ma ghandiex impenji ohra tattendi.

76.4.25 Is-Sur Maurice Agius gibed l-attenzjoni fuq Bozza go Triq il-Hriereb.
Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa ghall-aktar dettalji biex ikun jista jibghat lill-kuntrattur fuq il-post ezatt.

76.4.26 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa dwar il-platforms fit-Toroq.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn qed jinhargu minghand il-PA u ma jistax jara kif tista' ssir objection galadarba ikun hemm permessi ohrajn fl-istess triq hdejn xulxin. Hawn kompla jispjega li kien innota li fuq permess partikolari kien hemm il-kummenti li skond in-North Harbour local plan dawn jistghu isiru. < Is-Sur Charles Selvaggi ried jghmila cara li huwa issostni li ma jaqbilx ma dawn il-permessi >

Mizjuda < Is-Sur Charles Selvaggi ried jghmila cara li huwa issostni li ma jaqbilx ma dawn il-permessi >

76.4.27 Is-Sur Lino Bartolo tkellem fuq statwi li tnehhew minn go dar go Xatt l-Imsida biex niktbu halli il-PA tiehu azzjoni.

76.4.28 Is-Sur Lino Bartolo staqsa dwar struttura li nbniet fi Triq Princess Margaret.

Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dik hija struttura ghal Tower Crane u maghmula biex ikun hemm access ghaliha bil-bieb li jissakkar.

76.4.29 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hux possibli li ssir progett bl-istorja tal-Imsida u dan jitqassam lit-tfal tal-lokal fuq pen drive.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan jista jsir, izda fakkar li l-Kunsill se jkollu l-APP u dan jista' facilment jigi integrat mas-sistema u kulhadd ikollu access ghalih.

76.4.30 Is-Sur Lino Bartolo staqsa jekk hux possibli ssir upwright gardening go Regional Road.
Is-Sindku qalet li taqbel fil-principju u jaghmel sabih.
Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghandu bzonn ftit dettalji biex jara ma Transport Malta jekk hux possibbli li dan isir.

76.4.31 Is-Sur Alan Abela Wadge staqsa ghall-possibilita’ biex jitnehha parkegg biex il-kumpanija Titan tkun tista’ tuza ahjar il-garaxx taghha ghax qed jilmentaw li ma jkunux jistghu idahlu l-karrozzi hemm.
Is-Sur Maurice Agius qal li mhux veru ghax kemm-il darba osserva li jkun hemm van taghhom stess pparkjat u dawn xorta jidhlu.
Is-Sindku Margaret Baldachino Cefai qalet li dawn qed jabbuzaw u mhux vera qed ikun difficli u tikkonferma ghax rathom hi stess diehlin meta kien hemm van taghhom pparkjat fuq il-yellow line, ghalhekk hi li tat ordni biex hemm jerga jsir parking bay.
Il-kunsilliera prezenti ddiskutew u gie deciz li jekk jistghu jimxu ftit il-parking bays biex ikunu jistghu johorgu ahjar dawn ghandhom jimxu basta ma jintilfux parking bays.

**76.5 Items oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

76.5.01 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni tal-kunsilliera prezenti li saru fid-08:30 pm u li l-laqgha se tiehu aktar minn tlett sieghat filwaqt li fadal numru ta' items fl-Agenda ghadhom mhux diskussi.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex l-Agenda tigi sospiza u tigi diskussa l-attivita’ sportiva marbuta ma' jum l-Imsida, il-Management Letter u l-iskeda tal-pagamenti filwaqt li l-kumplament tal-Agenda jigi aggornat ghal-laqgha li jmiss.
Is-Sur Charles Selvaggi ssekonda u l-kunsilliera prezenti approvaw unanimament.

Items oħra ta’ Xogħol Aggornata ghall-26 ta' Gunju.
76.5.01 Fire Alarm system
76.5.02 Festa San Guzepp
76.5.03 Talbiet ghal xoghol / applikazzjonijiet ghal bdil jew xiri.
1: Scaffolding
2: Tinda gnien Victor Denaro
3: Reception desk

76.5.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pproponiet biex bhala parti mic-celebrazzjoni ta' Jum L-Imsida, issir attivita’ sportiva ta' Tournament ta' gurnata tal-football 7-a side, u biex ikunu jistghu jsiru dawk il-preparamenti neccessarji biex jinghaqdu it-teams u jinstab grownd fejn dawn isiru.

Il-kunsilliera prezent ddiskutew u ghamlu s-suggerimenti taghhom u approvaw unanimament.

76.6 Kunsiderazzjoni u risposta lill Awditur ghall-Management Letter ghas-sena finanzjarja 2017.

76.6.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai pprezentat fuq il-mejda kopja tal-Management letter mill-awdituri < 76.6.02 doc 1 >. Hemm hafna punti mis- snin ta' qabel li ma baqghux ripetuti u punti ohra li ga qed isir xoghol fuqhom biex dawn jigu eliminati.

Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li b'mod generali li sar progress filwaqt, kif tindika l-ittra u kif ga gie spjegat lill-awdituri, li qed isir xoghol biex jigi rrangat u mnaddaf l-inventarju minn affarijiet li m'ghadhomx jezistu jew inkissru u ma tnehhewx matul is-snin. Dan qed isir biex meta ikun lest u vverifikat, jghaddi ghall-approvazjoni tal-kunsill biex jigu written off, filwaqt li kif msemmi certu difetti li hemm fis-sistema prezenti tal-accounts, ghandhom jigu eliminati minhabba li se tinbidel ghal sistema ohra li qed tigi wzata minn kunsilli ohra. Hawn kompla jispjega li kien hemm xi kummenti fuq dhul li ghadu ma dahalx, b'referenza ghall-amonti antiki minn kumpaniji u kunsilli ohra fost ohrajn.  Filwaqt li ga qed ssir rikonciljazzjoni shiha ta' dawn l-ammonti fejn ttiehdet provision xorta se ssir insistenza fuq ammonti li jirrizulta li huma dovuti  biex jingabru.

Il-kunsilliera prezenti ddiskutew il-kontenut u approvaw il-Management Letter u risposta ghaliha < 76.6.02 doc 2 > . filwaqt li ttiehdet nota fejn kien hemm kumment fuq attivita' approvata mill-kunsill fejn l-awditur qal li din tmur kontra regolamenti.  Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dan il-kumment ghar- raguni li din l-attivita' saret bil-hsieb u fil-limitazjoni li seta' jippartecipa fiha il-kunsill. Dan billi jinvolvi ruhu mal-ghaqda li tkun qed torganizza bir-rizorsi taghha filwaqt li l-Kunsill jaghti gharfien lit- tfal mil-Lokal ghall-impenn sportiv taghhom.

**76.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

75.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K7-76 < dc 76 .7. 01 > ta' ħlasijiet bejn id-9 ta' Mejju u l-1 ta'Gunju għall-approvazzjoni tal-membri.

L-iskeda giet proposta mis-Sur Lino Bartolo u ssekondata mis-Sur Alan Abela Wadge.
Skeda ġiet approvata unanimament.

**76.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

76.8.01 l-Agenda giet sospiza  fid-8:45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata ghal-laqgħa li se ssir it-Tlieta 26 ta' Gunju 2018 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Minuti kkonfermati, illum 26 ta' Gunju 2018

IFFIRMATA IFFIRMATA

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Alan Vella
Segretarju Eżekuttiv